**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 48**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis, 09 t'Awwissu 2018 fil-5.10 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

**48.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija** Ittri ta' apoloġija

Inqrat l-*e-mail* tas-Sinjuri Marthese Cortis datata 1 ta' Awwissu 2018, biex din tkun skużata. Din kienet imressqa mil-Viċi Ċerpersin u ssekondata minn George Attard u kien hemm qbil unanimu biex tkun skużata.

**48.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru 47.** Approvazzjoni ta' Minuti

Il-minuti tas-seduta numru erbgħa u sebgħin kienu mressqa għall-vot mill-Viċi Ċerpersin u ssekondati mis-Sur Anġelo Portelli. Il-minuti ta' din is-seduta kienu approvati unanimament.

**Komunikazzjoni mill-Viċi Ċerpersin**
Ma kienx hemm komunikazzjoni mill-Viċi Ċerpersin x'tiġi diskussa.

Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

**Mistoqsijiet mill-Membri**
Il-membri staqsew x'inhi l-proċedura meta **membru jkun falla kemm-il darba il-laqgħat** tal-Kumitat Amministrattiv. Il-membru inzerta wkoll kunsillier u s-Segretarju Eżekuttiv se jagħti risposta fil-laqgħa li jmiss.

MIstoqsijiet

Wara li fil-laqgħa preċedenti kienet ittellgħet korrispondenza b'suġġeriment ta' kunsillier illi jsir ***railing* fi Triq in-Nigra**, u fil-laqgħa kienet intweriet ix-xewqa li jitla' ċint minflok, din kienet reveduta biex dan iċ-ċint/railing isir mal-linja tal-bini.

Kienet irrappurtata **lampa tat-toroq maħruqa** fi Triq il-Lewż quddiem ir-residenza numru 1 / 2.

Kienet proposta biex tinqala' l**-wiċċ tal-bankina fi Triq il-Lewż** għaliex din telgħet 'il fuq bil-bużbież li kiber u issa ġiet perikoluża. Skont il-membri, dan il-wiċċ jista' jsir mill-ġdid anke mill-*handyman*.

Kien irrappurtat ħafna ħaxix ħażin u bużbież 'l isfel mill-iskola. Hawn il-membri talbu *soft copy* tal-**kuntratt tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin u t-tindif** li għadu kemm ħareġ bl-offerta l-Kunsill Lokali tar-Rabat.

Intalbu wkoll **parkeġġi fuq il-Bajja ta' Fomm ir-Riħ**, sewwa sew fejn jieqfu l-karozzi biex in-nies jinżlu għall-bajja, u ssir *no parking bay* biex idawwru fiha.

Reġa' kien diskuss il-każ illi fl-2016 il-kuntattur taż-żamma u t**-tindif tal-latrina** irrifjuta li jiftaħha sagħtejn żejda nhar u lejlet il-festa ta' San Martin. Il-membri xtaqu *soft copy* ta' din l-offerta li se tkun aġġudikata.

Il-membri urew id-diżapprovazzjoni tagħhom għaliex wara li ingħatat it-tarmak Triq is-Sirena, ***sleeping policeman*** minnhom reġgħet saret u l-oħra 'l isfel mill-iskola baqgħet ma' saritx.

Il-membri tkellmu dwar l-***upgrading* li sar fuq il-ġnien pubbliku** mill-Gvern Ċentrali u ntqal illi kollox jindika illi f'dan is-sit se jitpoġġa anke *railing* tal-ħadid fuq iċ-ċint li għadu kif inbena.

Saret referenza għall-**kontenituri tal-ħġieġ (bring-in-sites).** Hawn intqal illi dawn tneħħew mir-Rabat kollu minħabba l-abbużi ta' tqegħid ta' skart maġenbhom. Għaldaqstant se jkun esplorat il-fatt jekk hux possibbli li jibda' jinġabar aktar spiss il-ħġieġ minn tal-ħwienet jew inkella jkun hemm reċipjent apposta għall-fliexken tal-ħġieġ li joħorġu bosta ħwienet biex jinġabar mill-kollettur tal-iskart.

**48.3** **Korrispondenza** Korrispondenza

Saret referenza għall-**approvazzjoni ta' *Transport Malta*, tar-*road markings*** biex ikun immaniġġjat aħjar kemm il-parkeġġ kif ukoll il-passaġġ tal-vetturi inkluż it-trasport pubbliku għall-pjazza tal-Baħrija. Il-Kumitat Amministrattiv talab kopja ta' din l-approvazzjoni u nsista wkoll illi jsiru l-parkeġġi li għadhom ma sarux propju f'nofs il-Pjazza tal-Baħrija. Il-membri staqsew għaliex il-linji tal-parkeġġi daru madwar trakk bil-*high-up* li kien ipparkjat f'dan is-sit u naqqsu li jimmarkaw il-parkeġġi quddiem il-każin tal-politika. Huma ilmentaw għaliex ma kienux raw din il-pjanta minn qabel filwaqt li kkonfermaw illi tal-ħwienet issa ingħalqu b'dawn il-parkeġġi. Il-membri qalu illi il-parkeġġ tal-linja qatt ma messu sar fejn sar; quddiem ir-residenti eżatt mal-garages, u imissu sar fejn il-*bus stop* ftit 'l isfel.

**48.4** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar id-6 ta' Settembru 2018.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.55pm.

Minuti approvati llum il-Ħamis, 6 ta' Settembru 2018.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Paul Galea | Anthony Bonello |
| Viċi Ċerpersin | Segretarju Eżekuttiv |